MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 336/2008

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fil-15 ta’ Marzu 1986 (ara Dok. CS1);

Illi qabel ic-celebrazzjoni taz-zwieg, il-partijiet ikkoncepew lil binthom D, li twieldet sussegwentement fit-30 ta’ Awissu 1986 (ara Dok. CS2);

Illi r-rikorrenti, ghalhekk hass obbligu morali li jizzewweg lill-intimata, kif ukoll kien soggett ghall-pressjoni familjari;

Illi inoltre, il-kunsens taz-zewg partijiet jew ta’ min minnhom kien ivvizzjat min-nuqqas ta’ konsapevolezza dwar il-kwalitajiet rispettivi tal-partijiet, minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u min-nuqqas ta’ setghat ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet, iz-zwieg tal-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

Illi r-rikorrent jiddikjara li jaf personalment bil-fatti kollha hawn dikjarati;

Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tannulla, thassar u tirrexxindi u tiddikjara null u invalidu fil-ligi, iz-zwieg tal-partijiet ghar-ragunijiet elenkati fis-subincizi (c), (d) u (h) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 19 tal-Att 255 tal-Ligijiet ta’ Malta, jew ghar-ragunijiet elenkati f’wiehed jew iktar mill-istess subincizi tal-istess artikolu tal-ligi; u

Tordna li jigu esegwiti l-formalitajiet mehtiega konsegwenzjalment ghad-dikjarazzjonijiet moghtija ghat-thassir u annullament taz-zwieg imsemmi.

Il-konvenuta minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta fejn din eccepiet:

Illi hija taqbel mad-data taz-zwieg u sad-data li fiha twieldet bint il-partijiet u li kienet ‘pregnant’ qabel iz-zwieg.

Illi filwaqt li taderixxi mat-talbiet l-ohra attrici hija tghid illi l-kunsens kien ivvizzjat peress illi l-attur ma dahalx ghaz-zwieg konsapevoli tad-dmirijiet tieghu fiz-zwieg.

Illi ghalhekk, kemm-il darba, it-talbiet attrici jigu milqugha, l-ispejjez ghandu jinkorrihom l-attur stante illi ghandu tortijiet li jwasslu ghall-annullament taz-zwieg.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza bdew ir-relazzjoni taghhom meta kienu ghadhom zghar. Bdew jiltaqghu bil-mohbi minhabba l-attitudni ta' missierha. F'okkazjoni minnhom, missierhom sar jaf u kecca lill-konvenuta mid-dar. Marret ghal xi zmien ghand is-sorijiet u mbaghad mal-attur. Harget tqila u mbaghad il-partijiet izzewgu.

L-attur jixhed hekk:

"*Meta kellha sittax-il sena, C telqet mid-dar ta' missierha minhabba fiha u marret ghand is-sorijiet il-Buon Pastur ghaliex missierha kecciha mid-dar. Kecciha mid-dar minhabba fiha, ghaliex hu ghall-antika u ried li missieri jitlob il-permess tieghu biex tohrog mieghi. Ppruvajt inlaqqaghhom quddiem qassis imma kien ta' xejn.*

*Jiena hassejt li ma kinitx qieghda sewwa l-istitut u kont krejt flat. Dak iz-zmien jiena kont tlaqtha ghaliex x'hin rajt dawk it-terturi kollha ta' missierha hassejt li kien wisq ghaliha. Ma konniex ghamilna wisq mifrudin. F'dak iz-zmien ippruvajt niltaqa' ma' tfajla ohra imma kien ta' xejn.*

*Wara ftit li morna noqoghdu gol-flat, C harget tqila. Hi kellha xi tmintax-il sena. Jiena kont ghidt lil ommha li harget tqila. Ommha kienet qaltli anki meta tlaqna noqoghdu l-flat biex nizzewwigha. Meta ommha saret taf li harget tqila bdiet taghmel aktar pressjoni biex nizzewweg*."

Il-Qorti tistghageb kif il-konvenuta ma xehditx f'din il-kawza, lanqas in subizzjoni.

Missierha, pero', fl-affidavit tieghu, jikkonferma c-cirkostanzi taz-zwieg u, anki mill-kliem stess li juza fir-redazzjoni tal-affidavit stess, wiehed jifhem kemm il-karattru tal-missier kif ukoll ic-cirkostanzi difficli li ghaddiet minnhom.

Iz-zwieg kien celebrat biss konsegwenza tat-tqala u mhux konsegwenza naturali ta' gherusija u mhabba.

Madanakollu, fil-kawza "**Marica D'Amato vs Philip D'Amato**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla, Onor. Imhallef Philip Sciberras, fil-31 ta' Jannar 2003):

"Il-biza' trid tkun ta' gravita' essenzjali. Mhux bizzejjed ghalhekk ansjeta' gewwinija f'dak li jkun."

Ukoll "**Denise Borg vs Christopher Borg**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fil-21 ta' Ottubru 2002):

"*Skond il-ligi civili taghna biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li din tahkem fuq persuna ragjonevoli u ggeghelha tibza' li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqeghda ghal xejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira (Artikolu 978 (1) Kodici Civili). Fi kliem iehor il-"pressjoni" jew "vjolenza" – hekk ekwipollenti ghal xulxin galadarba jista' jkollok vjolenza meta jkun hemm pressjoni gravi u ndebita ("**Emanuel Falzon -vs- Anthony Farrugia**", Appell, 21 ta' April 1997) – hemm bzonn li jkunu <u>determinanti</u>, <u>ingusti</u> u <u>gravi</u>. Fil-valutazzjoni, imbaghad, tal-kriterji tal-vjolenza ghandhom jigu mehuda in konsiderazzjoni l-eta', is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna (Artikolu 978(2))*."

U, f'cirkostanzi simili:

"*Il-fatt li l-attrici ghazlet volutament li tghaddi ghaz-zwieg biex tikkuntenta lill-genituri taghha u dawk ta' zewgha ma jammontawx, lanqas remotament, ghall-vjolenza. Lanqas il-biza' reverenzjali versu l-genituri ma jservi biex jannulla l-kuntratt jekk ebda vjolenza ma tkun giet uzata. Hekk jipprovdi l-Artikolu 980 Kodici Civili. Il-biza' trid tkun certa, gravi u realistika, dak li ma jirrizultax li hu hekk fil-kaz de*

*quo*.” (“**Denise Borg vs Christopher Borg**”, deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fil-21 ta’ Ottubru 2002).

Fid-dawl ta’ dan l-insenjament, il-Qorti ma ssibx li f’dan il-kaz kien hemm pressjoni irragjonevoli fuq il-partijiet sabiex dawn jizzewgu. Il-konvenuta kienet gia’ qed tikkonvivi mal-attur. Ma deheritx li kienet qed tibza’ wisq minn missierha u ommha. Ma ngabet ebda prova li xi haddiehor ezercita xi pressjoni fuq il-partijiet sabiex dawn jizzewgu.

Il-konvenut jallega ukoll difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju da parti tal-koppja. Dan id-difett tal-kunsens ghaz-zwieg gie spjegat hekk minn dawn il-Qrati.

“**Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri**”, (deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fl-10 ta’ Novembru, 1995):

“*Ikun hemm id-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fis-sens ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, fil-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b’mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta’ kritika – estimativa jew kritika – valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita’ affettiva li hija presuppost ghall-ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta’ diskrezzjoni, ghalhekk, ma hux sempliciment nuqqas ta’ riflessjoni, lanqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi prettament kompatibbli ma’ diskrezzjoni ta’ gudizzju*.”

“**Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri**”, (deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fl-4 ta’ Novembru, 1994):

“*B’difett serju ta’ diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta’ immaturita’, il-parti jew ohra fiz-zwieg tista’ tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita’ shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta’ discretio judicii hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita’ ta’ parti jew*

*ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg*."

Fid-dawl tal-ftit provi prodotti f'din il-kawza, il-Qorti ma tqisx li gie pruvat a sodisfazzjon, fil-mument taz-zwieg, kien jezisti fil-partijiet dan id-difett. Il-fatt li, snin wara, ukoll wara wild iehor, iz-zwieg sfaxxa ghal kollox ma jwassalx, fil-fehma ta' din il-Qorti, ghal dak il-konvinciment rikjest mil-ligi.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tichad it-talba tal-attur.

L-ispejjez jithallsu mill-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------